MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 516/2013

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Ottubru 1990;

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fit-23 ta' April 1998, fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo' (Dok A);
3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment;
5. Illi ghalhekkk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u / jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi :

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Ottubru 1990;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat in-nota tal-intimat li permezz taghha iddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet tenut kont li l-indirizz tal-intimat provdut mir-rikorrenti fir-rikors promotur huwa zbaljat.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta’ April 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemmx kwistjonijiet pendenti dwar hlas ta’  manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------